SENTENZA TAL-QORTI ĠENERALI (Il-Ħames Awla)

2 ta' Lulju 2025*

"Servizz pubbliku – Uffiċjali – Pensjoni tal-irtirar – Riformi tar-Regolamenti tal-Persunal tal-2004 u tal-2014 – Miżuri tranżitorji relatati ma' ċerti modalitajiet ta' kalkolu tad-drittijiet għall-pensjoni – Artikolu 28 tal-Anness XIII tar-Regolamenti tal-Persunal – Membri tal-persunal bil-kuntratt li saru uffiċjali – Rata annwali ta' kisba tad-drittijiet għall-pensjoni – Età tal-irtirar – Kamp ta' applikazzjoni tal-liġi – Ugwaljanza fit-trattament"

Fil-Kawża T-131/24,

CR, irrappreżentata minn S. Orlandi, avukata,

rikorrenti,

vs

Il-Kummissjoni Ewropea, irrappreżentata minn A. Baeckelmans, M. Brauhoff u G. Niddam, bħala aġenti,

konvenuta,

sostnuta minn

Il-Parlament Ewropew, irrappreżentat minn S. Bukšek Tomac u M. Mão Cheia Carreira, bħala aġenti,

u minn

Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, irrappreżentat minn M. Bauer, J. Rurarz u X. Chamodraka, bħala aġenti,

intervenjenti,

IL-QORTI ĠENERALI (Il-Ħames Awla),

komposta minn J. Svenningsen, President, C. Mac Eochaidh (Relatur) u J. Laitenberger, Imħallfin,

Reġistratur: L. Ramette, Amministratur,

wara li rat il-fażi bil-miktub tal-proċedura,

* Lingwa tal-kawża: il-Franċiż.

wara s-seduta tal-14 ta' Jannar 2025,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 Permezz tar-rikors tagħha bbażat fuq l-Artikolu 270 TFUE, ir-rikorrenti titlob l-annullament tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea tal-4 ta' Mejju 2023 li tistabbilixxi d-drittijiet għall-pensjoni tal-irtirar tagħha (iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni kkontestata").

Il-kuntest ġuridiku

2 Qabel l-1 ta' Mejju 2004, l-Artikolu 77 tar-Regolamenti tal-Persunal tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem ir-"Regolamenti tal-Persunal") kienu jipprevedu, b'mod partikolari, li kull uffiċjal li kien wettaq mill-inqas għaxar snin ta' servizz kellu dritt, sa mill-età ta' 60 sena, għal pensjoni tal-irtirar, li r-rata annwali ta' kisba tad-drittijiet għall-pensjoni kienet tammonta, għal kull sena ta' servizz, għal 2 % tal-aħħar salarju bażiku relatat mal-aħħar grad li fih l-uffiċjal kien ġie kklassifikat matul mill-inqas sena (iktar 'il quddiem l-"aħħar salarju bażiku") u li l-ammont massimu ta' din il-pensjoni tal-irtirar kien stabbilit għal 70 % ta' dan l-aħħar salarju bażiku. Barra minn hekk, l-Artikolu 39 tal-Kondizzjonijiet tal-impjieg applikabbli għall-aġenti l-oħra tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Kondizzjonijiet tal-impjieg") kien jirreferi għall-Artikolu 77 tar-Regolamenti tal-Persunal fir-rigward tad-drittijiet għall-pensjoni tal-irtirar tal-membri tal-persunal temporanju.

3 Mill-1 ta' Mejju 2004, ir-Regolamenti tal-Persunal u l-Kondizzjonijiet tal-impjieg ġew emendati bir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 723/2004 tat-22 ta' Marzu 2004 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1, Vol. 2, p. 130, rettifiki fil-ĠU 2007, L 248, p. 26, fil-ĠU 2012, L 130, p. 24, fil-ĠU 2012, L 342, p. 48, fil-ĠU 2016, L 289, p. 21 u fil-ĠU L, 2025/90247; iktar 'il quddiem ir-"riforma tal-2004").

4 Fil-kuntest tar-riforma tal-2004, il-leġiżlatur tal-Unjoni Ewropea emenda l-Artikolu 77 tar-Regolamenti tal-Persunal, b'mod partikolari, billi żied l-età tal-irtirar għal 63 sena u billi stabbilixxa r-rata annwali ta' kisba tad-drittijiet għall-pensjoni għal 1.9 % tal-aħħar salarju bażiku għal kull sena ta' servizz. Il-limitu ta' 70 % tal-aħħar salarju bażiku nżamm. Din ir-riforma kienet tapplika wkoll għall-membri tal-persunal temporanju kif ukoll għal kategorija ġdida ta' membri tal-persunal, jiġifieri l-membri tal-persunal bil-kuntratt (Artikoli 39 u 109 tal-Kondizzjonijiet tal-impjieg).

5 Mill-1 ta' Jannar 2014, ir-Regolamenti tal-Persunal u l-Kondizzjonijiet tal-impjieg ġew emendati bir-Regolament (UE, Euratom) Nru 1023/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2013 (ĠU 2013, L 287, p. 15, rettifika fil-ĠU 2015, L 175, p. 126; iktar 'il quddiem ir-"riforma tal-2014").

6 Fil-kuntest tar-riforma tal-2014, il-leġiżlatur tal-Unjoni emenda, għal darba oħra, l-Artikolu 77 tar-Regolamenti tal-Persunal, b'mod partikolari, billi żied l-età tal-irtirar għal 66 sena u billi ddefinixxa rata annwali ġdida ta' kisba tad-drittijiet għall-pensjoni ta' 1.8 %. Il-limitu ta' 70 % tal-aħħar salarju bażiku nżamm. Din ir-riforma kienet tapplika wkoll għall-membri tal-persunal temporanju kif ukoll għall-membri tal-persunal bil-kuntratt (Artikoli 39 u 109 tal-Kondizzjonijiet tal-impjieg).

7 Skont il-leġiżlatur tal-Unjoni, dawn l-emendi, li saru permezz tar-riformi tal-2004 u tal-2014, kienu saru neċessarji sabiex jiġi żgurat il-bilanċ attwarjali tal-iskema tal-pensjonijiet tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni (iktar 'il quddiem l-"IPIUE") fuq żmien qasir u fuq żmien twil, u dan, minħabba l-evoluzzjoni demografika u l-bidla fl-istruttura skont l-età tal-popolazzjoni kkonċernata, li kienu jimponu piż dejjem jikber fuq l-imsemmija skema (premessi 28 u 29 tar-Regolament Nru 723/2004; premessi 14 u 15 tar-Regolament Nru 1023/2013).

8 Barra minn hekk, għalkemm ir-riforma tal-2004 kienet intiża, b'mod ġenerali, li tosserva d-dixxiplina baġitarja (premessa 10 tar-Regolament Nru 723/2004), dik tal-2014 kienet taqa' taħt kuntest soċjoekonomiku partikolarment diffiċli li kien jirriżulta mill-kriżi finanzjarja mingħajr preċedent, li kien jeħtieġ, b'mod partikolari, konsolidazzjoni tal-finanzi pubbliċi għal żmien qasir, żmien medju u żmien twil min-naħa ta' kull amministrazzjoni pubblika (premessi 11 sa 13 tar-Regolament Nru 1023/2013).

9 Barra minn hekk, b'deroga mid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 77 tar-Regolamenti tal-Persunal u mill-Artikoli 39 u 109 tal-Kondizzjonijiet tal-impjieg, l-Anness XIII tar-Regolamenti tal-Persunal u l-Anness tal-Kondizzjonijiet tal-impjieg jinkludu miżuri tranżitorji għall-benefiċċju tal-uffiċjali u tal-membri tal-persunal l-oħra li kienu fis-servizz qabel id-dħul fis-seħħ tar-riforma tal-2004 jew ta' dik tal-2014.

10 Il-leġiżlatur tal-Unjoni adotta dawn id-dispożizzjonijiet tranżitorji sabiex jippermetti stabbiliment progressiv tar-regoli u tal-miżuri l-ġodda, bla ħsara għad-drittijiet miksuba u tal-aspettattivi leġittimi tal-persunal impjegat (premessi 29 u 37 tar-Regolament Nru 723/2004; premessi 14 u 29 tar-Regolament Nru 1023/2013).

11 Qabel kollox, l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 21 tal-Anness XIII tar-Regolamenti tal-Persunal jippreċiża li uffiċjal li jkun daħal fis-servizz qabel l-1 ta' Mejju 2004 għandu jikseb 2 %, u mhux 1.8 %, tal-aħħar salarju bażiku tiegħu għal kull sena ta' servizz li tagħti dritt għal pensjoni. Għalkemm il-formulazzjoni attwali tagħha tirriżulta mir-riforma tal-2014, din id-dispożizzjoni toriġina mir-riforma tal-2004 (il-punt 102 tal-Anness I tar-Regolament Nru 723/2004).

12 It-tieni paragrafu tal-Artikolu 21 tal-Anness XIII tar-Regolamenti tal-Persunal jipprevedi li uffiċjal li jkun daħal fis-servizz bejn l-1 ta' Mejju 2004 u l-31 ta' Diċembru 2013 għandu jikseb 1.9 %, u mhux 1.8 %, tal-aħħar salarju bażiku tiegħu għal kull sena ta' servizz li tagħti dritt għal pensjoni. Din id-dispożizzjoni żiedet waqt ir-riforma tal-2014 (il-punt 73(f) tal-Artikolu 1 tar-Regolament Nru 1023/2013).

13 Skont it-tieni sar-raba' paragrafu tal-Artikolu 22(1) tal-Anness XIII tar-Regolamenti tal-Persunal, l-età tal-irtirar ta' uffiċjal li jkun daħal fis-servizz qabel l-1 ta' Jannar 2014 ma hijiex stabbilita għal 66 sena, iżda hija inkluża f'kategorija ta' bejn 60 u 65 sena skont l-età tal-imsemmi uffiċjal fl-1 ta' Mejju 2014. Dawn id-dispożizzjonijiet żdiedu waqt ir-riforma tal-2014 (il-punt 73(g) tal-Artikolu 1 tar-Regolament Nru 1023/2013).

14 Barra minn hekk, il-leġiżlatur tal-Unjoni ppreċiża li l-Anness XIII tar-Regolamenti tal-Persunal kien applikabbli, b'analoġija, għall-membri tal-persunal l-oħra fil-kariga fit-30 ta' April 2004 u li l-Artikolu 21 u l-Artikolu 22, bl-eċċezzjoni tal-paragrafu 4 tiegħu, ta' dan l-istess anness kienu applikabbli, b'analoġija, għall-membri tal-persunal l-oħra fil-kariga fil-31 ta' Diċembru 2013 (l-ewwel u t-tieni sentenza tal-Artikolu 1(1) tal-Anness tal-Kondizzjonijiet tal-impjieg).

15 Fl-aħħar nett, l-Artikolu 28(1) tal-Anness XIII tar-Regolamenti tal-Persunal jipprevedi li membru tal-persunal temporanju li kien b'kuntratt fl-1 ta' Mejju 2004 u li nħatar uffiċjal wara din id-data u qabel l-1 ta' Jannar 2014 għandu dritt, fil-mument tal-irtirar tiegħu, għal aġġustament attwarjali tad-drittijiet għall-pensjoni tiegħu miksuba bħala membru tal-persunal temporanju li jkun jieħu inkunsiderazzjoni l-bidla fl-età tal-irtirar tiegħu msemmija fl-Artikolu 77 tar-Regolamenti tal-Persunal. Għalkemm il-formulazzjoni attwali tagħha tirriżulta mir-riforma tal-2014, din id-dispożizzjoni toriġina wkoll mir-riforma tal-2004 (il-punt 102 tal-Anness I tar-Regolament Nru 723/2004).

16 Bl-istess mod, l-Artikolu 28(2) tal-Anness XIII tar-Regolamenti tal-Persunal jipprovdi li membru tal-persunal temporanju, membru tal-persunal bil-kuntratt jew membru tal-persunal awżiljarju bil-kuntratt li kien b'kuntratt fl-1 ta' Jannar 2014 u li nħatar uffiċjal wara din id-data għandu dritt, fil-mument tal-irtirar tiegħu, għal aġġustament attwarjali tad-drittijiet għall-pensjoni tiegħu miksuba bħala membru tal-persunal temporanju jew bħala membru tal-persunal bil-kuntratt li jkun jieħu inkunsiderazzjoni l-bidla fl-età tal-irtirar tiegħu msemmija fl-Artikolu 77 tar-Regolamenti tal-Persunal, jekk huwa kellu mill-inqas 35 sena fl-1 ta' Mejju 2014. Dawn id-dispożizzjonijiet żdiedu waqt ir-riforma tal-2014 (il-punt (73)(j) tal-Artikolu 1 tar-Regolament Nru 1023/2013).

17 L-aġġustamenti attwarjali inkwistjoni fil-punti 15 u 16 iktar 'il fuq huma kkalkolati skont il-koeffiċjenti stabbiliti fil-Konklużjoni Nru 268/15 adottata mill-Kulleġġ tal-Kapijiet tal-Amministrazzjoni fil-25 ta' Frar 2016 u dwar l-aġġustament attwarjali tad-drittijiet miksuba bħala membru tal-persunal temporanju jew bħala membru tal-persunal bil-kuntratt (Artikolu 28 tal-Anness XIII tar-Regolamenti tal-Persunal).

Il-fatti li wasslu għall-kawża

18 Fis-16 ta' Ġunju 2012, ir-rikorrenti daħlet fis-servizz tal-Kummissjoni bħala membru tal-persunal bil-kuntratt.

19 Fis-16 ta' Awwissu 2015, ir-rikorrenti nħatret uffiċjal.

20 Fl-4 ta' Mejju 2023, l-Uffiċċju "Ġestjoni u Likwidazzjoni tad-Drittijiet Individwali" (PMO) tal-Kummissjoni adotta d-deċiżjoni kkontestata. Il-PMO indika lir-rikorrenti li hija kienet ammessa għall-benefiċċju ta' pensjoni tal-irtirar mill-1 ta' Lulju 2023, fl-età ta' 66 sena. Il-PMO indikalha wkoll li, għall-perijodu ta' attività tagħha bħala membru tal-persunal bil-kuntratt (mis-16 ta' Ġunju 2012 sal-15 ta' Awwissu 2015), ir-rata annwali ta' kisba tad-drittijiet għall-pensjoni tagħha kienet ta' 1.9 % u li, għall-perijodu ta' attività tagħha bħala uffiċjal (mis-16 ta' Awwissu 2015 sat-30 ta' Ġunju 2023), din ir-rata annwali ta' kisba kienet ta' 1.8 %.

21 Fil-11 ta' Mejju 2023, billi bbażat ruħha fuq is-sentenza tal-15 ta' Diċembru 2022, Picard vs Il-Kummissjoni (C-366/21 P, EU:C:2022:984), u fid-dawl tal-fatt li hija kienet affiljata mal-iskema tal-pensjonijiet tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea (IPIUE) u kienet ikkontribwixxiet għaliha mingħajr interruzzjoni, ir-rikorrenti talbet lill-PMO jirrevedi d-deċiżjoni kkontestata, b'mod li l-età tal-irtirar tagħha tiġi stabbilita għal 63 sena u li r-rata annwali ta' kisba ta' 1.9 % tiġi applikata għaliha għall-karriera kollha tagħha. Barra minn hekk, peress li hija baqgħet fil-kariga sal-età ta' 66 sena u peress li hija kienet tqis li l-età tal-irtirar tagħha kellha tiġi stabbilita għal 63 sena, ir-rikorrenti talbet l-għoti ta' żieda addizzjonali ta' 2.5 % tal-aħħar salarju bażiku tagħha għal kull sena maħduma lil hinn minn 63 sena.

22 Fil-15 ta' Mejju 2023, il-PMO indika lir-rikorrenti li hija setgħet tressaq ilment fil-każ ta' nuqqas ta' qbil mad-deċiżjoni kkontestata.

23 Fl-1 ta' Lulju 2023, ir-rikorrenti rtirat.

24 Fil-25 ta' Lulju 2023, ir-rikorrenti ressqet ilment kontra d-deċiżjoni kkontestata.

25 Fit-30 ta' Novembru 2023, l-Awtorità tal-Ħatra ċaħdet dan l-ilment.

It-talbiet tal-partijiet

26 Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

– tannulla d-deċiżjoni kkontestata;

– tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

27 Il-Kummissjoni titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

– tiċħad ir-rikors;

– tikkundanna lir-rikorrenti tbati l-ispejjeż tagħha stess kif ukoll dawk sostnuti mill-Kummissjoni.

28 Il-Parlament Ewropew jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

– tiċħad ir-rikors;

– tikkundanna lir-rikorrenti għall-ispejjeż.

29 Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea jitlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha tiċħad ir-rikors.

Id-dritt

30 Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka żewġ motivi.

Fuq l-ewwel motiv, ibbażat fuq ksur tal-kamp ta' applikazzjoni tal-liġi

31 Ir-rikorrenti ssostni li l-PMO wettaq żball ta' liġi meta qies li l-Artikolu 28 tal-Anness XIII tar-Regolamenti tal-Persunal kien applikabbli fir-rigward tagħha. Wara s-sentenzi tal-15 ta' Diċembru 2022, Picard vs Il-Kummissjoni (C-366/21 P, EU:C:2022:984), u tal-14 ta' Diċembru 2018, Torné vs Il-Kummissjoni (T-128/17, EU:T:2018:969), għandhom jiġu applikati l-Artikoli 21 u 22 tal-Anness XIII tar-Regolamenti tal-Persunal, u mhux l-Artikolu 28 ta' dan l-istess anness, għal sitwazzjoni bħal dik tar-rikorrenti. Fil-fatt, qari flimkien tal-Artikoli 21, 22 u 28 tal-Anness XIII tar-Regolamenti tal-Persunal u ta' dawn iż-żewġ sentenzi jwassal sabiex il-kamp ta' applikazzjoni tal-imsemmi Artikolu 28 jiġi limitat biss għall-membri tal-persunal temporanju jew għall-membri tal-persunal bil-kuntratt maħtura uffiċjali wara l-1 ta' Mejju 2004 jew wara l-1 ta' Jannar 2014, li kellhom interruzzjoni fl-affiljazzjoni tagħhom mal-IPIUE. Sa fejn

ir-rikorrenti qatt ma waqfet milli tkun affiljata mal-IPIUE, hija ma tistax taqa' taħt l-Artikolu 28 tal-Anness XIII tar-Regolamenti tal-Persunal. Biss l-Artikoli 21 u 22 tal-Anness XIII tar-Regolamenti tal-Persunal għandhom japplikaw għas-sitwazzjoni tagħhom.

32 Il-Kummissjoni, sostnuta mill-Parlament u mill-Kunsill, tikkontesta dan l-argument.

33 F'dan il-każ, il-Qorti Ġenerali tirrileva li r-rata annwali ta' kisba tad-drittijiet għall-pensjoni adottata mill-PMO għall-perijodu ta' attività tar-rikorrenti bħala membru tal-persunal bil-kuntratt, jiġifieri 1.9 %, ma tirriżultax mill-applikazzjoni tal-Artikolu 28 tal-Anness XIII tar-Regolamenti tal-Persunal, iżda mill-applikazzjoni flimkien tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 21 tal-Anness XIII tar-Regolamenti tal-Persunal u tat-tieni sentenza tal-Artikolu 1(1) tal-Anness tal-Kondizzjonijiet tal-impjieg.

34 Għall-kuntrarju, il-PMO applika d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 28(2) tal-Anness XIII tar-Regolamenti tal-Persunal, li jirreferi għall-Artikolu 77 tar-Regolamenti tal-Persunal, fir-rigward tal-età tal-irtirar tar-rikorrenti, jiġifieri 66 sena, u r-rata annwali ta' kisba tad-drittijiet għall-pensjoni tagħha li tikkorrispondi għall-perijodu ta' attività tagħha bħala uffiċjal, jiġifieri 1.8 %. Barra minn hekk, ir-rikorrenti bbenefikat minn aġġustament attwarjali tad-drittijiet għall-pensjoni tagħha miksuba bħala membru tal-persunal bil-kuntratt. Fil-fatt, konformement mal-Konklużjoni Nru 268/15 (ara l-punt 17 iktar 'il fuq), il-PMO applika koeffiċjent ta' 1.152 għall-imsemmija drittijiet għall-pensjoni. L-applikazzjoni ta' dan il-koeffiċjent wasslet għal żieda ta' 0.914 punt tar-rata meħuda inkunsiderazzjoni sabiex jiġu stabbiliti d-drittijiet għall-pensjoni tagħha. Din iż-żieda hija għalhekk ekwivalenti għal estensjoni ta' sitt xhur tal-perijodu ta' xogħol realment imwettaq mir-rikorrenti bħala membru tal-persunal bil-kuntratt.

35 Huma biss l-aspetti tad-deċiżjoni kkontestata miġbura fil-qosor fil-punt 34 iktar 'il fuq li huma kkritikati mir-rikorrenti. Fil-fatt, fil-fehma tagħha, l-Artikolu 21u l-Artikolu 22(1) tal-Anness XIII tar-Regolamenti tal-Persunal għandhom jirregolaw il-karriera kollha tagħha mal-Unjoni, inkluż il-perijodu ta' attività tagħha bħala uffiċjal, u hija kellha d-dritt li tirtira sa minn 63 sena. Għalhekk, il-PMO kien żbaljat meta applika l-Artikolu 28 tal-Anness XIII tar-Regolamenti tal-Persunal għas-sitwazzjoni tiegħu, iżda, barra minn hekk, naqas milli japplika fir-rigward tagħha d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 22(1) ta' dan l-istess anness, u dan, b'deroga mill-Artikolu 77 tar-Regolamenti tal-Persunal.

36 F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali kkonstatat li r-rikorrenti tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti mill-Artikolu 28(2) tal-Anness XIII tar-Regolamenti tal-Persunal. Fil-fatt, hija kienet membru tal-persunal bil-kuntratt bejn is-16 ta' Ġunju 2012 u l-15 ta' Awwissu 2015, hija nħatret uffiċjal fis-16 ta' Awwissu 2015 u kellha iktar minn 35 sena fl-1 ta' Mejju 2014.

37 Minkejja li hija tissodisfa dawn il-kundizzjonijiet, ir-rikorrenti ssostni madankollu li l-Artikolu 28 tal-Anness XIII tar-Regolamenti tal-Persunal ma huwiex applikabbli għaliha, peress li hija qatt ma waqfet milli tkun affiljata mal-IPIUE. Fil-fatt, skont ir-rikorrenti, l-Artikolu 28 tal-Anness XIII tar-Regolamenti tal-Persunal japplika biss għall-membri tal-persunal temporanju jew għall-membri tal-persunal bil-kuntratt li jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti minn dan l-artikolu u li, barra minn hekk, esperjenzaw interruzzjoni fl-affiljazzjoni tagħhom mal-IPIUE qabel il-ħatra tagħhom bħala uffiċjali.

38 Dan l-argument għandu jiġi miċħud, peress li din l-aħħar kundizzjoni, jiġifieri l-interruzzjoni fl-affiljazzjoni mal-IPIUE, ma tirriżultax mill-formulazzjoni ċara tal-Artikolu 28 tal-Anness XIII tar-Regolamenti tal-Persunal. Il-fatt li jintlaqa' l-argument tar-rikorrenti jkun jimplika għalhekk li l-portata tal-Artikolu 28 tal-Anness XIII tar-Regolamenti tal-Persunal tiġi limitata biż-żieda ta' kundizzjoni li ma kinitx prevista mil-leġiżlatur tal-Unjoni.

39 Issa, skont ġurisprudenza stabbilita, meta s-sens ta' dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni jkun jirriżulta mingħajr ambigwità mill-formulazzjoni stess tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja ma tistax titbiegħed minn din il-formulazzjoni (ara s-sentenzi tad-19 ta' Ottubru 2023, Sad Trasporto Locale, C-186/22, EU:C:2023:795, punt 22 u l-ġurisprudenza ċċitata, u tad-29 ta' Lulju 2024, HDI Global u MS Amlin Insurance, C-771/22 u C-45/23, EU:C:2024:644, punt 56 u l-ġurisprudenza ċċitata).

40 Għalhekk, il-fatt li jitqies li l-applikazzjoni ta' dispożizzjoni tar-Regolamenti tal-Persunal tkun suġġetta għal kundizzjoni li ma tkunx iddefinita fihom jikkostitwixxi interpretazzjoni *contra legem* ta' din id-dispożizzjoni, b'mod li tali interpretazzjoni ma tistax tiġi aċċettata (ara, f'dan is-sens u b'analoġija, is-sentenzi tas-17 ta' Diċembru 2020, De Masi u Varoufakis vs BĊE, C-342/19 P, EU:C:2020:1035, punt 36, u tat-8 ta' Novembru 2023, OA vs Il-Parlament, T-39/22, mhux ippubblikata, EU:T:2023:709, punt 69).

41 Din il-konklużjoni tapplika iktar u iktar peress li l-qorti tal-Unjoni ma għandhiex, fid-dawl tal-prinċipji ta' bilanċ istituzzjonali u ta' għoti tal-kompetenzi, hekk kif stabbiliti fl-Artikolu 13(2) TUE (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-25 ta' Ottubru 2017, Il-Kummissjoni vs Il-Kunsill (CMR-15), C-687/15, EU:C:2017:803, punt 40 u l-ġurisprudenza ċċitata), il-kompetenza sabiex tidderoga mid-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti tal-Persunal.

42 Fl-aħħar nett, minbarra l-kunsiderazzjonijiet imfakkra fil-punti 39 sa 41 iktar 'il fuq, iż-żieda mal-Artikolu 28 tal-Anness XIII tar-Regolamenti tal-Persunal ta' kundizzjoni li ma kinitx prevista mil-leġiżlatur tal-Unjoni tmur ukoll kontra l-ġurisprudenza stabbilita li tipprovdi li d-dispożizzjonijiet tranżitorji għandhom jiġu interpretati b'mod strett minħabba n-natura derogatorja tagħhom u l-implikazzjonijiet baġitarji tagħhom. (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-14 ta' Diċembru 2018, Torné vs Il-Kummissjoni, T-128/17, EU:T:2018:969, punt 80 u l-ġurisprudenza ċċitata).

43 Għaldaqstant, il-PMO ma wettaqx żball ta' liġi meta qies li l-Artikolu 28(2) tal-Anness XIII tar-Regolamenti tal-Persunal kien applikabbli għas-sitwazzjoni tar-rikorrenti.

44 Din il-konklużjoni ma hijiex invalidata mis-sentenzi tal-15 ta' Diċembru 2022, Picard vs Il-Kummissjoni (C-366/21 P, EU:C:2022:984), u tal-14 ta' Diċembru 2018, Torné vs Il-Kummissjoni (T-128/17, EU:T:2018:969), invokati mir-rikorrenti.

45 Fis-sentenzi tal-15 ta' Diċembru 2022, Picard vs Il-Kummissjoni (C-366/21 P, EU:C:2022:984), u tal-14 ta' Diċembru 2018, Torné vs Il-Kummissjoni (T-128/17, EU:T:2018:969), il-Qorti tal-Ġustizzja u l-Qorti Ġenerali ma tawx deċiżjoni dwar il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 28 tal-Anness XIII tar-Regolamenti tal-Persunal. Ebda motiv ta' dawn is-sentenzi ma jindika li l-Qorti tal-Ġustizzja jew il-Qorti Ġenerali riedu jikkontestaw l-għażliet tal-leġiżlatur tal-Unjoni u jemendaw il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 28 tal-Anness XIII tar-Regolamenti tal-Persunal billi jirriżervaw dan tal-aħħar biss għall-membri tal-persunal temporanju jew għall-membri

tal-persunal bil-kuntratt li kienu b'kuntratt fl-1 ta' Mejju 2004 jew fl-1 ta' Jannar 2014 u li l-affiljazzjoni tagħhom mal-IPIUE kienet is-suġġett ta' interruzzjoni qabel il-ħatra tagħhom bħala uffiċjali.

46 Fil-fatt, fis-sentenzi tal-15 ta' Diċembru 2022, Picard vs Il-Kummissjoni (C-366/21 P, EU:C:2022:984), u tal-14 ta' Diċembru 2018, Torné vs Il-Kummissjoni (T-128/17, EU:T:2018:969), il-Qorti tal-Ġustizzja u l-Qorti Ġenerali sempliċement interpretaw u applikaw l-Artikolu 21 u l-Artikolu 22(1) tal-Anness XIII tar-Regolamenti tal-Persunal, moqrija flimkien mal-Artikolu 1(1) tal-Anness tal-Kondizzjonijiet tal-impjieg, għal sitwazzjonijiet li jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-imsemmija artikoli.

47 F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali tfakkar li, meħuda waħedhom u skont it-titolu tal-Anness XIII tar-Regolamenti tal-Persunal, id-dispożizzjonijiet ta' dan l-anness japplikaw biss għall-uffiċjali (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-15 ta' Diċembru 2022, Picard vs Il-Kummissjoni (C-366/21 P, EU:C:2022:984, punt 65).

48 Għandu jiġi ppreċiżat li huwa biss permezz tal-Artikolu 1(1) tal-Anness tal-Kondizzjonijiet tal-impjieg li l-Artikolu 21 u l-Artikolu 22, bl-eċċezzjoni tal-paragrafu 4 tiegħu, tal-Anness XIII tar-Regolamenti tal-Persunal huma applikabbli b'analoġija għall-membri tal-persunal l-oħra (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-15 ta' Diċembru 2022, Picard vs Il-Kummissjoni, C-366/21 P, EU:C:2022:984, punti 66 u 80).

49 Għalhekk, qabel kollox, fir-rigward tal-uffiċjali, l-Artikolu 77 tar-Regolamenti tal-Persunal, fil-verżjoni tiegħu li tirriżulta mir-riforma tal-2004, jipprevedi li, bħala prinċipju, ir-rata annwali ta' kisba tad-drittijiet għall-pensjoni tammonta għal 1.9 % u li l-età tal-irtirar hija stabbilita għal 63 sena. Dan l-istess artikolu, fil-verżjoni tiegħu li tirriżulta mir-riforma tal-2014, jipprevedi li, bħala prinċipju, ir-rata annwali ta' kisba tad-drittijiet għall-pensjoni hija ta' 1.8 % u li l-età tal-irtirar hija stabbilita għal 66 sena.

50 L-Artikolu 21 u l-Artikolu 22(1) tal-Anness XIII tar-Regolamenti tal-Persunal, kemm fil-verżjoni tagħhom li tirriżulta mir-riforma tal-2004 kif ukoll f'dik li tirriżulta mir-riforma tal-2014, jidderogaw espressament minn din l-iskema ta' prinċipju. Madankollu, skont il-kliem stess ta' dawn iż-żewġ artikoli, il-benefiċċju ta' din l-iskema derogatorja huwa limitat biss għall-"uffiċjali" li jkunu daħlu fis-servizz, rispettivament, għal dak li jirrigwarda r-riforma tal-2004, "qabel" l-1 ta' Mejju 2004 jew, fir-rigward tar-riforma tal-2014, "qabel" l-1 ta' Jannar 2014.

51 Il-Qorti Ġenerali tikkonstata wkoll li l-Artikolu 21 u l-Artikolu 22(1) tal-Anness XIII tar-Regolamenti tal-Persunal jirreferu biss għad-data ta' "dħul fis-servizz", jiġifieri d-data tad-dħul fis-servizz, tal-uffiċjali, u mhux, hekk kif huwa l-każ tal-Artikolu 28 ta' dan l-istess anness (ara l-punti 52 u 53 iktar 'il quddiem), għal dik tal-"ħatra" tagħhom.

52 Barra minn hekk, l-Artikolu 28 tal-Anness XIII tar-Regolamenti tal-Persunal jorganizza skema speċjali għall-"membri tal-persunal" li kienu "b'kuntratt" fl-1 ta' Mejju 2004 jew fl-1 ta' Jannar 2014 u li, sussegwentement, "inħatru" uffiċjali.

53 L-Artikolu 28 tal-Anness XIII tar-Regolamenti tal-Persunal jipprevedi għalhekk żewġ kundizzjonijiet distinti u kumulattivi. L-ewwel kundizzjoni hija d-dħul fis-servizz bħala membru tal-persunal, li kellu jseħħ sa mhux iktar tard mill-1 ta' Mejju 2004 jew l-1 ta' Jannar 2014, peress li, f'waħda minn dawn id-dati, dan il-membru tal-persunal kellu jkun b'kuntratt. It-tieni kundizzjoni hija l-ħatra tal-imsemmi membru tal-persunal bħala uffiċjal, li neċessarjament

seħħet wara d-dħul tiegħu fis-servizz, peress li, skont il-kliem tal-Artikolu 28 tal-Anness XIII tar-Regolamenti tal-Persunal, din il-ħatra kellha tkun saret "wara" l-1 ta' Mejju 2004 jew "wara" l-1 ta' Jannar 2014.

54 Għalhekk, minn qari letterali u sistematiku tal-Artikolu 77 tar-Regolamenti tal-Persunal kif ukoll tal-Artikolu 21, tal-Artikolu 22(1) u tal-Artikolu 28 tal-Anness XIII ta' dawn l-istess regolamenti jirriżulta li l-leġiżlatur tal-Unjoni ried jirriżerva l-benefiċċju tal-imsemmi Artikolu 21 u tal-imsemmi Artikolu 22(1), meħud waħdu, biss għall-"uffiċjali" li jkunu "daħlu fis-servizz" f'din il-kwalità "qabel" l-1 ta' Mejju 2004 jew "qabel" l-1 ta' Jannar 2014.

55 Għall-kuntarju, l-uffiċjali li jkunu "inħatru" "wara" l-1 ta' Mejju 2004 jew "wara" l-1 ta' Jannar 2014 jaqgħu taħt l-Artikolu 28 tal-Anness XIII tar-Regolamenti tal-Persunal jekk huma kienu daħlu fil-kariga qabel bħala membri tal-persunal temporanju jew bħala membri tal-persunal bil-kuntratt u jekk il-kuntratt tagħhom kien fis-seħħ fl-1 ta' Mejju 2004 jew fl-1 ta' Jannar 2014.

56 Sussegwentement, fir-rigward tal-membri tal-persunal, il-leġiżlatur tal-Unjoni ppermetta, permezz tal-Artikolu 1(1) tal-Anness tal-Kondizzjonijiet tal-impjieg, li l-Artikolu 21u l-Artikolu 22(1) tal-Anness XIII tar-Regolamenti tal-Persunal jiġu applikati b'analoġija għall-membri tal-persunal "fil-kariga" jew anki "fil-post" fit-30 ta' April 2004 jew fil-31 ta' Diċembru 2013.

57 Madankollu, tali applikazzjoni b'analoġija tal-Artikolu 21 tal-Artikolu 22(1) tal-Anness XIII tar-Regolamenti tal-Persunal, skont il-kliem stess tal-Artikolu 1(1) tal-Anness tal-Kondizzjonijiet tal-impjieg, tikkonċerna biss lil membri tal-persunal, u mhux lil uffiċjali (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-15 ta' Diċembru 2022, Picard vs Il-Kummissjoni, C-366/21 P, EU:C:2022:984, punti 66 u 80).

58 Barra minn hekk din is-soluzzjoni hija koerenti mal-essenza stess tal-Kondizzjonijiet tal-impjieg u tal-anness tagħhom, li jirreferu espressament u esklużivament għall-membri tal-persunal. Uffiċjal ma jistax għalhekk jitlob il-benefiċċju tal-Kondizzjonijiet tal-impjieg u tal-anness tagħhom.

59 Hekk kif diġà ġie rrilevat fil-punt 52 iktar 'il fuq, il-leġiżlatur tal-Unjoni madankollu stabbilixxa skema speċjali, jiġifieri l-Artikolu 28 tal-Anness XIII tar-Regolamenti tal-Persunal, għall-membri tal-persunal temporanju jew għall-membri tal-persunal bil-kuntratt li kienu b'kuntratt fl-1 ta' Mejju 2004 jew fl-1 ta' Jannar 2014 u li, sussegwentement, inħatru uffiċjali.

60 Minn dan isegwi li s-sitwazzjoni tar-rikorrenti, f'dak li jirrigwarda l-perijodu ta' attività tagħha bħala membru tal-persunal bil-kuntratt, kienet taqa' inizjalment taħt l-applikazzjoni magħquda tal-Artikolu 77 tar-Regolamenti tal-Persunal u tal-Artikolu 109 tal-Kondizzjonijiet tal-impjieg, hekk kif kienu jirriżultaw mir-riforma tal-2004. Għall-kuntrarju, is-sitwazzjoni tagħha kienet taqa', bejn l-1 ta' Jannar 2014 u l-15 ta' Awwissu 2015, taħt l-applikazzjoni magħquda tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 21 tal-Anness XIII tar-Regolamenti tal-Persunal u tat-tieni sentenza tal-Artikolu 1(1) tal-Anness tal-Kondizzjonijiet tal-impjieg. Skont dawn id-dispożizzjonijiet, ir-rata annwali ta' kisba tad-drittijiet għall-pensjoni tagħha kienet ta' 1.9 % għall-perijodu ta' attività tagħha bħala membru tal-persunal bil-kuntratt.

61 Is-sitwazzjoni tar-rikorrenti, fir-rigward tal-perijodu ta' attività tagħha bħala uffiċjal, taqa', mis-16 ta' Awwissu 2015, id-data tal-ħatra tagħha, taħt l-applikazzjoni magħquda tal-Artikolu 77 tar-Regolamenti tal-Persunal u tal-Artikolu 28(2) tal-Anness XIII tar-Regolamenti tal-Persunal, hekk kif jirriżultaw mir-riforma tal-2014. Skont dawn id-dispożizzjonijiet, ir-rata annwali ta' kisba

tad-drittijiet għall-pensjoni tagħha hija ta' 1.8 % għall-imsemmi perijodu u l-età tal-irtirar tagħha hija ta' 66 sena. Barra minn hekk, iż-żieda fl-età tal-irtirar tagħha hija kkumpensata finanzjarjament permezz ta' aġġustament attwarjali tad-drittijiet għall-pensjoni li hija kisbet bħala membru tal-persunal bil-kuntratt. (ara l-punt 17 iktar 'il fuq).

62 Dawn il-konklużjonijiet ma jmorrux kontra t-tagħlim li jirriżulta mill-punti 76 u 80 tas-sentenza tal-15 ta' Diċembru 2022, Picard vs Il-Kummissjoni (C-366/21 P, EU:C:2022:984). Qabel kollox, is-sitwazzjoni tar-rikorrenti hija differenti minn dik ta' M. Picard. Dan tal-aħħar kien ikkonkluda kuntratt ġdid bħala membru tal-persunal, filwaqt li r-rikorrenti nħatret uffiċjal. Barra minn hekk, kuntrarjament għal dak li kien ikkontesta M. Picard, u indipendentement mill-kwistjoni dwar jekk il-funzjonijiet tar-rikorrenti nbiddlux, jew le, sostanzjalment minħabba l-ħatra tagħha, id-deċiżjoni kkontestata f'dan il-każ ma "tilfitilhiex" il-benefiċċju tad-dispożizzjonijiet tranżitorji li jinsabu fl-Anness XIII tar-Regolamenti tal-Persunal. Fil-fatt, hekk kif ġie rrilevat fil-punt 61 iktar 'il fuq, il-perijodu ta' attività tar-rikorrenti bħala uffiċjal jaqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 28 tal-Anness XIII tar-Regolamenti tal-Persunal.

63 Sussegwentement, kuntrarjament għal dak li ssostni r-rikorrenti, il-Qorti tal-Ġustizzja ma ddikjaratx li l-affiljazzjoni kontinwa mal-IPIUE kienet tikkostitwixxi l-uniku kriterju li jippermetti li jiġi ddeterminat min huma l-benefiċjarji tad-dispożizzjonijiet tranżitorji li jinsabu fl-Artikoli 21 u 22 tal-Anness XIII tar-Regolamenti tal-Persunal. Fil-fatt, permezz tal-użu tal-avverbju "b'mod partikolari" fil-punt 76 tas-sentenza tal-15 ta' Diċembru 2022, Picard vs Il-Kummissjoni (C-366/21 P, EU:C:2022:984), il-Qorti tal-Ġustizzja indikat li dan kien biss kriterju fost oħrajn. L-istess soluzzjoni għandha neċessarjament tiġi adottata għall-Artikolu 28 tal-Anness XIII tar-Regolamenti tal-Persunal, li dwaru l-Qorti tal-Ġustizzja madankollu ma tatx deċiżjoni (ara l-punt 45 iktar 'il fuq), peress li dan l-artikolu jinsab, flimkien mal-Artikoli 21 u 22 ta' dan l-istess anness, fost id-dispożizzjonijiet tranżitorji.

64 Issa, hekk kif jirriżulta mill-punti 54 u 55 iktar' il fuq, il-ħatra ta' membru tal-persunal bħala uffiċjal, wara l-1 ta' Mejju 2004 jew wara l-1 ta' Jannar 2014, u l-pussess ta' kuntratt f'waħda minn dawn id-dati jikkostitwixxu l-kriterji għall-applikazzjoni tal-Artikolu 28 tal-Anness XIII tar-Regolamenti tal-Persunal.

65 Għall-finijiet ta' kompletezza, il-Qorti Ġenerali tirrileva li l-Artikolu 28 tal-Anness XIII tar-Regolamenti tal-Persunal jista' wkoll ikun applikabbli jekk l-affiljazzjoni ta' membru tal-persunal mal-IPIUE kienet interrotta qabel ir-riforma tal-2004 jew qabel dik tal-2014 bil-kundizzjoni li huwa kien b'kuntratt fl-1 ta' Mejju 2004 jew fl-1 ta' Jannar 2014 u li huwa sussegwentement inħatar uffiċjal. Fi kliem ieħor, sabiex jiġi ddeterminat jekk l-Artikolu 28 tal-Anness XIII tar-Regolamenti tal-Persunal ikunx applikabbli, huwa rilevanti biss li l-kundizzjonijiet stabbiliti minn dan l-artikolu u mfakkra fil-punt 53 iktar 'il fuq ikunu ssodisfatti.

66 Il-Qorti Ġenerali tfakkar fl-aħħar nett li l-konklużjonijiet li jinsabu fil-punti 60 u 61 iktar 'il fuq jirriflettu l-għażliet tal-leġiżlatur tal-Unjoni u li, fil-kuntest tal-missjonijiet li ġew attribwiti lilha mill-awturi tat-Trattati, ma hijiex il-qorti tal-Unjoni, kuntrarjament għal dak li titlob ir-rikorrenti, li għandha tidderoga mill-Artikolu 28 tal-Anness XIII tar-Regolamenti tal-Persunal permezz taż-żieda ta' kundizzjoni attwalment ineżistenti (ara l-punti 37 sa 43 iktar 'il fuq).

67 Konsegwentement, l-ewwel motiv għandu jiġi miċħud.

Fuq it-tieni motiv, ibbażat fuq ksur tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament

68 Permezz tat-tieni motiv, imressaq sussidjarjament, ir-rikorrenti tqajjem eċċezzjoni ta' illegalità tal-Artikolu 28 tal-Anness XIII tar-Regolamenti tal-Persunal, peress li dan jikser il-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament.

69 F'dan ir-rigward, il-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament jeżiġi li sitwazzjonijiet paragunabbli ma jiġux ittrattati b'mod differenti u li sitwazzjonijiet differenti ma jiġux ittrattati b'mod ugwali, sakemm tali trattament ma jkunx oġġettivament iġġustifikat (ara s-sentenza tat-18 ta' April 2024, Dumitrescu *et* vs Il-Kummissjoni u Il-Qorti tal-Ġustizzja, C-567/22 P sa C-570/22 P, EU:C:2024:336, punt 67 u l-ġurisprudenza ċċitata).

70 Sabiex jiġi ddeterminat jekk hemmx ksur ta' dan il-prinċipju jew le, għandhom b'mod partikolari jittieħdu inkunsiderazzjoni l-iskop u l-għan imfittex mid-dispożizzjoni li allegatament tikser dan il-prinċipju (ara s-sentenza tat-18 ta' April 2024, Dumitrescu *et* vs Il-Kummissjoni u Il-Qorti tal-Ġustizzja, C-567/22 P sa C-570/22 P, EU:C:2024:336, punt 68 u l-ġurisprudenza ċċitata).

71 Barra minn hekk, f'qasam li jaqa' taħt l-eżerċizzju ta' setgħa diskrezzjonali, bħall-istabbiliment ta' regoli tranżitorji intiżi li jiggarantixxu t-tranżizzjoni ekwa minn Regolamenti tal-Persunal qodma lejn dawk ġodda, ikun hemm ksur tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament biss meta l-leġiżlatur tal-Unjoni jagħmel differenzazzjoni arbitrarja jew manifestament inadegwata fir-rigward tal-għan imfittex mil-leġiżlazzjoni inkwistjoni (sentenza tal-14 ta' Diċembru 2018, GQ *et* vs Il-Kummissjoni, T-525/16, EU:T:2018:964, punt 104 u l-ġurisprudenza ċċitata; ara wkoll f'dan is-sens, is-sentenza tat-18 ta' April 2024, Dumitrescu *et* vs Il-Kummissjoni u Il-Qorti tal-Ġustizzja, C-567/22 P sa C-570/22 P, EU:C:2024:336, punt 69 u l-ġurisprudenza ċċitata).

72 Skont il-ġurisprudenza, il-Qorti Ġenerali għandha għalhekk tillimita ruħha tivverifika jekk id-differenza fit-trattament tidhirx arbitrarja jew manifestament inadegwata fid-dawl tal-għan ta' interess ġenerali mfittex (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-25 ta' Marzu 2021, Álvarez y Bejarano *et* vs Il-Kummissjoni, C-517/19 P u C-518/19 P, EU:C:2021:240, punti 53 u 54).

73 Għall-kuntrarju, fid-dawl ta' dan l-istħarriġ ġudizzjarju ristrett, ma hijiex il-Qorti Ġenerali li għandha tivverifika jekk jidhirx li huwa irraġonevoli għal-leġiżlatur tal-Unjoni li jqis li d-differenza fit-trattament stabbilita tista' tkun xierqa u neċessarja għall-finijiet tat-twettiq tal-għan ta' interess ġenerali mfittex (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-14 ta' Lulju 2022, Il-Kummissjoni vs VW *et*, C-116/21 P sa C-118/21 P, C-138/21 P u C-139/21 P, EU:C:2022:557, punt 129, u d-digriet tat-22 ta' Diċembru 2022, Il-Kummissjoni vs KM u Il-Kunsill vs Il-Kummissjoni, C-341/21 P u C-357/21 P, EU:C:2022:1042, punt 64).

74 Huwa fid-dawl ta' din il-ġurisprudenza li l-Qorti Ġenerali ser teżamina ż-żewġ partijiet tat-tieni motiv.

Fuq l-ewwel parti tat-tieni motiv

75 Ir-rikorrenti ssostni li l-Artikolu 28 tal-Anness XIII tar-Regolamenti tal-Persunal jikser il-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament billi jittratta b'mod differenti kategoriji ta' persuni li jinsabu f'sitwazzjonijiet paragunabbli. Fil-fatt, minħabba s-sempliċi ħatra tagħha bħala uffiċjal u għalkemm hija qatt ma waqfet milli tkun affiljata mal-IPIUE, ir-rikorrenti hija ttrattata b'mod inqas tajjeb milli kieku hija kienet saret membru tal-persunal temporanju, pjuttost milli uffiċjal,

jew milli kieku hija baqgħet membru tal-persunal bil-kuntratt. Barra minn hekk, ir-rikorrenti tindika li l-Parlament adotta, għal iktar minn ħames snin, l-istess interpretazzjoni bħal dik tagħha tal-Artikolu 21, tal-Artikolu 22(1) u tal-Artikolu 28 tal-Anness XIII tar-Regolamenti tal-Persunal.

76 Il-Kummissjoni, sostnuta mill-Parlament u mill-Kunsill, tikkontesta dan l-argument.

77 F'dan ir-rigward, fir-rigward tal-paragunabbiltà tas-sitwazzjonijiet, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà indikat li r-Regolamenti tal-Persunal u l-Kondizzjonijiet tal-impjieg kienu jistabbilixxu skema tal-pensjonijiet komuni għall-uffiċjali u għall-membri tal-persunal l-oħra, jiġifieri l-IPIUE. Fil-fatt, fid-dawl tar-riferiment għall-kundizzjonijiet previsti fil-Kapitolu 3 tat-Titolu V tar-Regolamenti tal-Persunal, imwettaq mill-Artikolu 39(1) kif ukoll mill-Artikolu 109(1) tal-Kondizzjonijiet tal-impjieg, il-membri tal-persunal temporanju u l-membri tal-persunal bil-kuntratt jikkontribwixxu wkoll, taħt il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 83(2) tar-Regolamenti tal-Persunal għall-finanzjament ta' din l-iskema tal-pensjonijiet (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-15 ta' Diċembru 2022, Picard vs Il-Kummissjoni, C-366/21 P, EU:C:2022:984, punti 77 u 78).

78 Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja indikat ukoll li kienu jeżistu differenzi bejn l-uffiċjali u l-membri tal-persunal l-oħra (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-15 ta' Diċembru 2022, Picard vs Il-Kummissjoni (C-366/21 P, EU:C:2022:984, punt 69).

79 Fuq dan il-punt, il-Qorti Ġenerali tfakkar li l-uffiċjali għandhom, bħala prinċipju, l-assigurazzjoni li jkunu jistgħu jibqgħu jservu lill-Unjoni sal-età tal-irtirar. Huwa biss f'ċirkustanzi eċċezzjonali, hekk kif huma l-leave għal raġunijiet personali, jekk dan jittieħed fit-tmiem tal-karriera, il-leave fl-interess tas-servizz, ir-riżenja volontarja, ir-riżenja mhux volontarja, l-irtirar mill-impjieg fl-interess tas-servizz, it-tkeċċija minħabba inkompetenza professjonali, it-tneħħija mill-pożizzjoni, il-mewt u l-irtirar mhux volontarju minħabba invalidità permanenti, li l-funzjonijiet tagħhom jintemmu qabel ma huma jilħqu l-età tal-irtirar (Artikoli 40, 42c, 47 sa 51 u 53 tar-Regolamenti tal-Persunal kif ukoll l-Artikolu 9(1)(h) tal-Anness IX tar-Regolamenti tal-Persunal).

80 Għall-kuntrarju, bħala regola ġenerali, u hekk kif tirrikonoxxi r-rikorrenti stess, il-membri tal-persunal ma għandhomx tali stabbiltà ta' impjieg. Għalhekk, skont ġurisprudenza stabbilita, it-tul tar-relazzjoni ta' xogħol bejn istituzzjoni u membru tal-persunal irreklutat għal żmien determinat huwa rregolat mill-kundizzjonijiet stabbiliti fil-kuntratt konkluż bejn il-partijiet. Barra minn hekk, l-amministrazzjoni għandha setgħa ta' evalwazzjoni wiesgħa sabiex iġġedded, jew le, il-kuntratt (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-14 ta' Diċembru 2022, SU vs EIOPA, T-296/21, EU:T:2022:808, punt 49 u l-ġurisprudenza ċċitata). Għalhekk, biss il-konklużjoni ta' kuntratt għal żmien indeterminat toħloq rabta iktar stabbli u mingħajr limitu ta' żmien bejn l-istituzzjoni u l-membru tal-persunal ikkonċernat (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tad-9 ta' Novembru 2022, QM vs Europol, T-164/21, EU:T:2022:695, punt 83 u l-ġurisprudenza ċċitata).

81 Barra minn hekk, fid-dawl tat-tul ta' servizz tagħhom ġeneralment itwal mal-Unjoni, iżda wkoll minħabba l-progress awtomatiku fl-iskala u l-promozzjonijiet tal-grad li huma jibbenefikaw minnhom, l-uffiċjali jilħqu, fi tmiem il-karriera tagħhom, gradi u skali normalment ogħla minn dawk milħuqa mill-membri tal-persunal. Din il-klassifikazzjoni ogħla li normalment jibbenefikaw minnha l-uffiċjali hija akkumpanjata minn remunerazzjoni ikbar minn dik li jibbenefikaw minnha l-parti l-kbira tal-membri tal-persunal, peress li din ir-remunerazzjoni hija direttament marbuta mal-grad u mal-iskala.

82 Dan l-aħħar punt huwa determinanti f'dan il-każ, peress li, fil-kuntest tal-kalkolu tal-ammont tal-pensjoni tal-irtirar ta' uffiċjal jew ta' membru tal-persunal, huwa biss l-aħħar salarju bażiku tiegħu li jittieħed inkunsiderazzjoni (ara l-punti 4 sa 16 iktar 'il fuq).

83 Barra minn hekk, l-ammont tal-pensjoni tal-irtirar ma jiddependix esklużivament mill-aħħar salarju bażiku. Dan l-ammont jiddependi wkoll fuq it-tul ta' servizz tal-uffiċjal jew tal-membru tal-persunal, peress li dan jakkwista, għal kull sena ta' servizz, 1.8 %, 1.9 % jew 2 % tal-aħħar salarju bażiku tiegħu (ara l-punti 4 sa 16 iktar 'il fuq). Mekkanikament, sa fejn, ġeneralment, l-uffiċjali għandhom tul ta' servizz itwal minn dak tal-membri tal-persunal, huma jiksbu iktar snin ta' servizz minn dawn tal-aħħar.

84 Fid-dawl ta' dawn id-differenzi oġġettivi, u kif isostnu l-Kummissjoni, il-Parlament u l-Kunsill, l-effett globali fuq il-baġit tal-Unjoni tar-riformi tal-2004 u tal-2014 huwa neċessarjament ikbar f'dak li jirrigwarda l-pensjonijiet tal-uffiċjali milli f'dak li jirrigwarda l-pensjonijiet tal-membri tal-persunal l-oħra.

85 F'dawn iċ-ċirkustanzi, fid-dawl tal-għan ta' preżervazzjoni tal-bilanċ attwarjali tal-IPIUE, u dan, mingħajr ma jiġu ppreġudikati d-drittijiet miksuba u l-aspettattivi leġittimi tal-persunal eżistenti (konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Pikamäe fil-kawża Picard vs Il-Kummissjoni, C-366/21 P, EU:C:2022:582, punti 44 u 51), li jiżdied mal-għanijiet iktar ġenerali ta' dixxiplina baġitarja u ta' riorganizzazzjoni tal-finanzi pubbliċi f'kuntest soċjoekonomiku diffiċli (ara l-punti 7 u 8 iktar 'il fuq), u fid-dawl tas-setgħa ta' evalwazzjoni wiesgħa li huwa għandu, il-leġiżlatur tal-Unjoni seta' jqis li l-uffiċjali maħtura wara l-1 ta' Mejju 2004 jew wara l-1 ta' Jannar 2014 kellhom jingħataw trattament differenti minn dak li huma setgħu jibbenefikaw minnu li kieku huma żammew, tal-inqas għaxar snin, l-istatus tagħhom ta' membru tal-persunal temporanju jew ta' membru tal-persunal bil-kuntratt.

86 F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali tfakkar li l-uffiċjali u l-membri tal-persunal jikkontribwixxu biss għal terz mill-finanzjament tal-IPIUE, filwaqt li l-ħlas tal-pensjonijiet, iggarantit kollettivament mill-Istati Membri, jitħallas mill-baġit tal-Unjoni (Artikolu 83(1) u (2) tar-Regolamenti tal-Persunal). Quddiem tali struttura ta' finanzjament tal-IPIUE, li hija bbażata qabel kollox fuq ir-riżorsi allokati mill-Istati Membri lill-Unjoni, it-teħid inkunsiderazzjoni tal-interessi tal-uffiċjali li jibbenefikaw mill-iskema speċjali organizzata mill-Artikolu 28 tal-Anness XIII tar-Regolamenti tal-Persunal ma jistax isir billi jiġi injorat totalment li l-imsemmija Stati kienu obbligati jadottaw miżuri drastiċi sabiex jindirizzaw l-effetti fit-tul ta' kriżi ekonomika u finanzjarja serja (premessa 13 tar-Regolament Nru 1023/2013). Barra minn hekk, il-bilanċ attwarjali tal-IPIUE għandu, preċiżament, jieħu inkunsiderazzjoni, fit-tul, l-iżviluppi ekonomiċi u l-varjabbli finanzjarji (ara, f'dan is-sens u b'analoġija, is-sentenza tat-13 ta' Diċembru 2017, Arango Jaramillo *et* vs BEI, T-482/16 RENV, EU:T:2017:901, punt 126 (mhux ippubblikata) u l-ġurisprudenza ċċitata). Għaldaqstant, f'soċjetà kkaratterizzata mis-solidarjetà, hekk kif jenfasizza l-Artikolu 2 TUE (sentenza tal-25 ta' Frar 2025, Sąd Rejonowy w Białymstoku u Adoreikė, C-146/23 u C-374/23, EU:C:2025:109, punt 71), u f'kuntest ikkaratterizzat minn kriżi ekonomika u finanzjarja gravi, il-leġiżlatur tal-Unjoni seta', fost miżuri oħra, jistabbilixxi l-imsemmija skema speċjali sabiex jesprimi din is-solidarjetà tas-servizz pubbliku Ewropew quddiem l-isforzi li l-Istati Membri kellhom jagħmlu fil-livell tagħhom stess.

87 Barra minn hekk, għandu jiġi rrilevat li l-kontribuzzjonijiet tal-membri tal-persunal temporanju u tal-membri tal-persunal bil-kuntratt lill-IPIUE huma, bħala regola ġenerali, inqas għoljin minn dawk tal-uffiċjali, li s-salarju bażiku tagħhom jista' jevolvi skont il-progress fil-grad u skont il-progress fl-iskala matul il-karriera tagħhom. Fuq dan il-punt, huwa veru li l-IPIUE hija

organizzata fuq il-bażi tal-prinċipju ta' solidarjetà u li din ma hijiex mifhuma fis-sens li l-pensjoni rċevuta minn uffiċjal jew minn membru tal-persunal tikkostitwixxi kontroparti eżatta tal-kontribuzzjonijiet tiegħu għall-imsemmija skema (ara s-sentenza tat-8 ta' Novembru 2023, OA vs Il-Parlament, T-39/22, mhux ippubblikata, EU:T:2023:709, punt 60 u l-ġurisprudenza ċċitata). Madankollu, il-leġiżlatur tal-Unjoni seta' jqis, fil-kuntest tas-setgħa ta' evalwazzjoni wiesgħa tiegħu u fid-dawl tal-prinċipju ta' solidarjetà li jirregola l-IPIUE, li membru tal-persunal li nħatar uffiċjal wara l-1 ta' Mejju 2004 jew wara l-1 ta' Jannar 2014 ma jistax jibbenefika mir-rata annwali ta' kisba tad-drittijiet għall-pensjoni tal-irtirar li kienet applikabbli għalih matul il-perijodu ta' attività tiegħu bħala membru tal-persunal temporanju jew bħala membru tal-persunal bil-kuntratt, peress li dan kien jimplika li huwa jibbenefika b'mod sproporzjonat minn din ir-rata ogħla fid-dawl tal-kalkolu tal-ammont tal-pensjoni tiegħu mwettaq abbażi tal-aħħar salarju bażiku relatat mal-grad li fih dan l-uffiċjal ġie kklassifikat qabel l-irtirar tiegħu.

88 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, id-differenza fit-trattament ikkontestata mir-rikorrenti ma tidhirx manifestament inadegwata meta mqabbla mal-għanijiet imfittxija mil-leġiżlatur tal-Unjoni. Din l-għażla tal-leġiżlatur tal-Unjoni hija barra minn hekk konformi mal-prinċipji ta' dixxiplina baġitarja u ta' ġestjoni finanzjarja tajba (Artikoli 310 u 317 TFUE) kif ukoll ma' dak ta' preżervazzjoni tal-bilanċ attwarjali tal-IPIUE (Artikolu 83a l-Anness XII tar-Regolamenti tal-Persunal).

89 Din id-differenza fit-trattament lanqas ma hija arbitrarja.

90 F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li dispożizzjoni tar-Regolamenti tal-Persunal tintroduċi differenzazzjoni arbitrarja bejn uffiċjali u/jew membri tal-persunal meta din tkun ibbażata fuq kriterju diskriminatorju li ma jkunx relatat mal-għan imfittex. F'tali sitwazzjoni, kunsiderazzjonijiet ta' natura purament baġitarja, amministrattiva jew ta' politika tal-persunal ma jistgħux jikkostitwixxu, waħedhom, ġustifikazzjoni oġġettiva għad-differenza fit-trattament stabbilita bejn uffiċjali u/jew membri tal-persunal li jinsabu f'sitwazzjonijiet paragunabbli (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-18 ta' April 2024, Dumitrescu *et* vs Il-Kummissjoni u Il-Qorti tal-Ġustizzja, C-567/22 P sa C-570/22 P, EU:C:2024:336, punti 79 sa 81 u, 93 u 94).

91 F'dan il-każ, kuntrarjament għat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 8(2) tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal li l-illegalità tiegħu ġiet ikkonstatata mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza tat-18 ta' April 2024, Dumitrescu *et* vs Il-Kummissjoni u Il-Qorti tal-Ġustizzja (C-567/22 P sa C-570/22 P, EU:C:2024:336), id-differenza fit-trattament ikkontestata mir-rikorrenti ma hijiex ibbażata fuq kriterju diskriminatorju pprojbit, b'mod partikolari, mill-Artikolu 21 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, iżda hija bbażata fuq ir-raġunijiet oġġettivi msemmija fil-punti 78 sa 84 iktar 'il fuq.

92 Issa, skont ġurisprudenza stabbilita, għalkemm il-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament jeżiġi li uffiċjali u/jew membri tal-persunal li jinsabu f'sitwazzjonijiet identiċi jew paragunabbli jkunu rregolati mill-istess regoli, dan madankollu ma jipprekludix lil-leġiżlatur tal-Unjoni milli jieħu inkunsiderazzjoni differenzi oġġettivi ta' kundizzjoni jew ta' sitwazzjoni li fihom jinsabu l-persuni kkonċernati (ara s-sentenzi tas-16 ta' Ottubru 1980, Hochstrass vs Il-Qorti tal-Ġustizzja, 147/79, EU:C:1980:238, punt 7, u tat-3 ta' Mejju 2018, SB vs EUIPO, T-200/17, mhux ippubblikata, EU:T:2018:244, punt 33 u l-ġurisprudenza ċċitata).

93 Mill-bqija, skont ġurisprudenza wkoll stabbilita, ma jistgħux jiġu kkontestati d-differenzi fl-istatus li jeżistu bejn id-diversi kategoriji ta' persuni impjegati mill-Unjoni u għalhekk ma jistax jitqies bħala diskriminazzjoni l-fatt li, mill-perspettiva tal-garanziji stabbiliti fir-Regolamenti

tal-Persunal u tal-vantaġġi ta' sigurtà soċjali, ċerti kategoriji ta' persuni impjegati mill-Unjoni jistgħu jgawdu minn garanziji jew minn vantaġġi li ma jingħatawx lil kategoriji oħra (ara s-sentenza tat-12 ta' Marzu 2020, XB vs BĊE, T-484/18, mhux ippubblikata, EU:T:2020:90, punt 82 u l-ġurisprudenza ċċitata).

94 Il-Qorti Ġenerali tikkonstata wkoll, hekk kif irrileva l-Parlament, li d-differenzazzjoni bejn l-uffiċjali u l-membri tal-persunal ma hijiex speċifika għall-Artikolu 28 tal-Anness XIII tar-Regolamenti tal-Persunal. L-IPIUE nnifisha, minkejja li hija komuni għall-uffiċjali u għall-membri tal-persunal, ma hijiex madankollu uniformi. B'hekk, kuntrarjament għall-uffiċjali, l-Artikoli 42 u 112 tal-Kondizzjonijiet tal-impjieg jippermettu lill-membri tal-persunal temporanju u lill-membri bil-kuntratt jitolbu li l-istituzzjoni tagħhom twettaq il-ħlasijiet għall-kostituzzjoni jew għaż-żamma tad-drittijiet għall-pensjoni fil-pajjiż ta' oriġini tagħhom. Bl-istess mod, fid-dawl tal-Artikolu 3(d) tal-Anness VIII tar-Regolamenti tal-Persunal, meta membru tal-persunal bil-kuntratt isir uffiċjal jew meta uffiċjal isir membru tal-persunal bil-kuntratt, din il-bidla fl-istatus tista' twassal għal tnaqqis tas-snin ta' servizz miksuba taħt l-iskema preċedenti, jew inkella għal rimbors tal-eċċess ta' kontribuzzjoni li jikkorrispondi għad-differenza bejn in-numru ta' snin ta' servizz ikkalkolat u n-numru ta' snin ta' servizz effettiv.

95 Għalkemm il-kriterju ta' differenzazzjoni kkontestat f'dan il-każ għalhekk ma huwiex diskriminatorju u għalkemm dan huwa bbażat fuq raġunijiet oġġettivi, il-Qorti Ġenerali tirrileva li, mill-ġdid kuntrarjament għal dak li ġie deċiż fir-rigward tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 8(2) tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal, dan il-kriterju lanqas ma huwa "mingħajr rabta" jew "nieqes minn kull rabta" mal-għanijiet imfittxija. Billi adotta l-Artikolu 28 tal-Anness XIII tar-Regolamenti tal-Persunal, u konformement mal-għanijiet ta' preżervazzjoni tal-bilanċ attwarjali tal-IPIUE, ta' dixxiplina baġitarja u ta' riorganizzazzjoni tal-finanzi pubbliċi, il-leġiżlatur ried li r-rata annwali ta' kisba tad-drittijiet għall-pensjoni tal-uffiċjali kkonċernati, biss fir-rigward tal-perijodu ta' attività tagħhom f'din il-kwalità, titnaqqas u t-tul tal-karriera tagħhom jiġi estiż preċiżament minħabba l-fatt li l-piż baġitarju tal-pensjonijiet tal-uffiċjali huwa ikbar minn dak tal-membri tal-persunal (ara l-punti 7, 8 u 84 iktar 'il fuq).

96 Barra minn hekk, anki jekk il-Qorti Ġenerali ma teskludix li, f'ċerti sitwazzjonijiet partikolari, membru tal-persunal jista' jkollu karriera simili għal dik ta' uffiċjal, kemm fir-rigward ta' termini ta' tul, ta' grad, ta' remunerazzjoni u ta' funzjonijiet, xorta jibqa' l-fatt li, bħala regola ġenerali, dan ma huwiex il-każ. Issa, skont ġurisprudenza stabbilita, anki jekk f'sitwazzjonijiet marġinali għandhom jirriżultaw inkonvenjenzi okkażjonali mill-istabbiliment ta' leġiżlazzjoni ġenerali u astratta, il-leġiżlatur tal-Unjoni ma jistax jiġi kkritikat li uża kategorizzazzjoni, sakemm din ma tkunx essenzjalment diskriminatorja fir-rigward tal-għan imfittex (sentenzi tas-16 ta' Ottubru 1980, Hochstrass vs Il-Qorti tal-Ġustizzja 147/79, EU:C:1980:238, punt 14 u tal-15 ta' April 2010, Gualtieri vs Il-Kummissjoni, C-485/08 P, EU:C:2010:188, punt 81).

97 Għalhekk, id-differenza fit-trattament ikkontestata mir-rikorrenti mhux talli ma hijiex arbitrarja iżda hija bbażata fuq kriterju oġġettiv u nondiskriminatorju, u hija, barra minn hekk, iġġustifikata mill-għanijiet ta' preżervazzjoni tal-bilanċ attwarjali tal-IPIUE, ta' dixxiplina baġitarja u ta' riorganizzazzjoni tal-finanzi pubbliċi.

98 Barra minn hekk, meta l-kriterju ta' differenzazzjoni la jkun diskriminatorju u lanqas ma jkun nieqes minn kull rabta mal-għanijiet imfittxija, hekk kif huwa l-każ hawnhekk, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà aċċettat, essenzjalment, li miżuri ta' restrizzjoni baġitarja li jolqtu lill-uffiċjali u/jew lill-membri tal-persunal, b'mod partikolari permezz tat-tnaqqis tal-vantaġġi tagħhom, jistgħu jkunu ġġustifikati mill-għanijiet ta' dixxiplina baġitarja u ta' riorganizzazzjoni tal-finanzi

pubbliċi. (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-18 ta' April 2024, Dumitrescu *et* vs Il-Kummissjoni u Il-Qorti tal-Ġustizzja, C-567/22 P sa C-570/22 P, EU:C:2024:336, punt 81; ara wkoll, f'dan is-sens u b'analoġija, is-sentenza tal-25 ta' Frar 2025, Sąd Rejonowy w Białymstoku u Adoreikė, C-146/23 u C-374/23, EU:C:2025:109, punti 67, 69 u 71).

99 Barra minn hekk, ebda differenzazzjoni arbitrarja jew manifestament inadegwata ma tista' tiġi dedotta mid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 28 tal-Anness XIII tar-Regolamenti tal-Persunal meta mqabbla mal-għan imfittex mil-leġiżlatur tal-Unjoni intiż li jippreżerva d-drittijiet miksuba u l-aspettattivi leġittimi tal-uffiċjali kkonċernati, peress li, bħall-membri tal-persunal l-oħra fil-post fl-1 ta' Mejju 2004 jew fl-1 ta' Jannar 2014, id-drittijiet miksuba tagħhom huma rrispettati u l-aspettattivi leġittimi tagħhom osservati.

100 Fil-fatt, id-drittijiet għall-pensjoni tagħhom, miksuba matul il-perijodu ta' attività tagħhom bħala membri tal-persunal, jibqgħu ppreżervati. Barra minn hekk, u loġikament, qabel il-ħatra tagħhom, huma kienu għadhom ma kisbux drittijiet għall-pensjoni bħala uffiċjali. Huwa biss mill-ħatra tagħhom li l-uffiċjali kkonċernati kisbu drittijiet għall-pensjoni f'din il-kwalità.

101 Barra minn hekk, meta kienu għadhom membri tal-persunal, huma ma kienu rċevew ebda assigurazzjoni preċiża u inkundizzjonata li, jekk jagħżlu li jsiru uffiċjali, ir-rata annwali ta' kisba tad-drittijiet għall-pensjoni tagħhom u l-età tal-irtirar tagħhom kienu ser jibqgħu l-istess.

102 Minbarra li, hekk kif huwa l-każ tal-membri tal-persunal l-oħra fil-post fl-1 ta' Mejju 2004 jew fl-1 ta' Jannar 2014, id-drittijiet miksuba tagħhom huma rrispettati u l-aspettattivi leġittimi tagħhom huma osservati, il-Qorti Ġenerali tikkonstata wkoll li, skont l-Artikolu 28 tal-Anness XIII tar-Regolamenti tal-Persunal, iż-żieda fl-età tal-irtirar tal-uffiċjali kkonċernati hija kkumpensata finanzjarjament permezz ta' aġġustament attwarjali tad-drittijiet għall-pensjoni li huma kisbu meta huma kienu membri tal-persunal. Fil-prattika, koeffiċjent ta' bejn 1 u 1.178, skont is-sitwazzjoni personali ta' kull wieħed mill-uffiċjali kkonċernati, huwa applikat għad-drittijiet għall-pensjoni tagħhom miksuba bħala membri tal-persunal (ara l-punt 17 iktar 'il fuq), kif kien il-każ għar-rikorrenti (ara l-punt 34 iktar 'il fuq). B'hekk, fir-realtà, mhux talli l-imsemmija drittijiet miksuba ma humiex miksura, iżda dawn jinżammu (koeffiċjent ugwali għal 1), jew saħansitra jiżdiedu (koeffiċjent ogħla minn 1) bl-applikazzjoni ta' dan il-koeffiċjent.

103 Fi kwalunkwe każ, il-Qorti Ġenerali tikkonstata li, qabel il-ħatra tagħha bħala uffiċjal, ir-rikorrenti ma kellha ebda assigurazzjoni li hija tista' tibbenefika minn pensjoni tal-irtirar, peress li, f'din id-data u kuntrarjament għal dak li jeżiġi l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 77 tar-Regolamenti tal-Persunal, hija kienet għadha ma kellhiex għaxar snin ta' servizz mal-Unjoni.

104 Fl-aħħar nett, huwa irrilevanti l-fatt, invokat mir-rikorrenti, li l-Parlament adotta, għal iktar minn ħames snin, l-istess interpretazzjoni li hija tipproponi tal-Artikolu 21, tal-Artikolu 22(1) u tal-Artikolu 28 tal-Anness XIII tar-Regolamenti tal-Persunal għall-benefiċċju ta' membri tal-persunal oħra li saru uffiċjali. Fil-fatt, skont ġurisprudenza stabbilita, il-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament għandu jkun ikkonċiljat mal-osservanza tal-prinċipju ta' legalità, li jipprovdi li ħadd ma jista' jinvoka, favurih, illegalità mwettqa favur ħaddieħor (ara s-sentenza tas-16 ta' Ottubru 2019, Palo vs Il-Kummissjoni, T-432/18, EU:T:2019:749, punt 38 u l-ġurisprudenza ċċitata).

105 Konsegwentement, l-ewwel parti tat-tieni motiv għandha tiġi miċħuda.

Fuq it-tieni parti tat-tieni motiv

106 Ir-rikorrenti ssostni li l-Artikolu 28 tal-Anness XIII tar-Regolamenti tal-Persunal jikser il-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament billi jittratta bl-istess mod lill-membri tal-persunal kollha, li saru uffiċjali wara l-1 ta' Mejju 2004 jew wara l-1 ta' Jannar 2014, mingħajr ma jieħu inkunsiderazzjoni l-eventwali interruzzjoni fl-affiljazzjoni tagħhom fl-IPIUE qabel il-ħatra tagħhom. Issa, is-sitwazzjoni tar-rikorrenti ma tistax tiġi assimilata ma' dik ta' membru tal-persunal li l-affiljazzjoni tiegħu mal-IPIUE kienet is-suġġett ta' interruzzjoni u li, sussegwentement, inħatar uffiċjal. Fil-fatt, ir-rikorrenti, min-naħa tagħha, qatt ma waqfet milli tkun affiljata mal-IPIUE.

107 Il-Kummissjoni, sostnuta mill-Parlament u mill-Kunsill, tikkontesta dan l-argument.

108 Fil-fatt, il-Qorti Ġenerali tfakkar li l-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament ma jeħtieġx identiċità perfetta tas-sitwazzjonijiet sabiex ikun jista' jiġi applikat l-istess trattament. Biss in-natura paragunabbli ta' dawn is-sitwazzjonijiet hija meħtieġa (sentenzi tal-15 ta' Ottubru 2020, Coppo Gavazzi *et* vs Il-Parlament, T-389/19 sa T-394/19, T-397/19, T-398/19, T-403/19, T-404/19, T-406/19, T-407/19, T-409/19 sa T-414/19, T-416/19 sa T-418/19, T-420/19 sa T-422/19, T-425/19 sa T-427/19, T-429/19 sa T-432/19, T-435/19, T-436/19, T-438/19 sa T-442/19, T-444/19 sa T-446/19, T-448/19, T-450/19 sa T-454/19, T-463/19 u T-465/19, EU:T:2020:494, punt 257).

109 Issa, fid-dawl tal-għan tal-Artikolu 28 tal-Anness XIII tar-Regolamenti tal-Persunal u tal-għanijiet imfittxija mil-leġiżlatur tal-Unjoni, l-uffiċjali kollha kkonċernati minn dan l-artikolu għandhom jitqiesu li jinsabu f'sitwazzjoni paragunabbli, peress li huma kienu kollha preċedentement membri tal-persunal u peress li huma kollha nħatru wara l-1 ta' Mejju 2004 jew wara l-1 ta' Jannar 2014.

110 Għall-kuntrarju, fl-eżami tal-paragunabbiltà tas-sitwazzjonijiet rispettivi tagħhom, huwa irrilevanti jekk l-affiljazzjoni ta' dawn l-uffiċjali mal-IPIUE qabel il-ħatra tagħhom kinitx is-suġġett ta' interruzzjoni jew le. Fil-fatt, dan il-fatt jirrigwarda l-perijodu ta' attività tagħhom bħala membri tal-persunal, filwaqt li l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 28 tal-Anness XIII tar-Regolamenti tal-Persunal tiddependi mill-ħatra tagħhom bħala uffiċjali. Għalhekk, l-iktar l-iktar, dan il-fatt jimplika fil-prattika li uffiċjal li l-affiljazzjoni tiegħu mal-IPIUE kienet is-suġġett ta' interruzzjoni u, korrelattivament, li l-ħlas tal-kontribuzzjonijiet tiegħu lill-IPIUE qabel il-ħatra tiegħu kien is-suġġett ta' interruzzjoni jkollu bħala kalkolu inqas snin ta' servizz, relatati biss mal-perijodu ta' attività tiegħu bħala membru tal-persunal, milli kieku l-affiljazzjoni tiegħu ma kinitx is-suġġett ta' interruzzjoni.

111 Barra minn hekk, fid-dawl tal-protezzjoni tad-drittijiet miksuba tagħhom, il-membri tal-persunal li jkunu saru uffiċjali wara interruzzjoni fl-affiljazzjoni tagħhom mal-IPIUE u l-membri tal-persunal li jkunu saru uffiċjali mingħajr interruzzjoni f'din l-affiljazzjoni jinsabu f'sitwazzjoni paragunabbli. Fil-fatt, fiż-żewġ każijiet, dawn il-membri tal-persunal ħallsu kontribuzzjonijiet lill-IPIUE fil-perspettiva ta' età tal-irtirar iktar baxxa minn dik li finalment ser tkun applikabbli għalihom. Id-drittijiet miksuba tagħhom huma għalhekk tal-istess natura u huwa biss differenti n-numru ta' snin ta' servizz li kull wieħed minnhom ikun kiseb. Għaldaqstant, il-membri tal-persunal li saru uffiċjali għandhom ikunu jistgħu jibbenefikaw minn aġġustament attwarjali indipendentement mill-kwistjoni dwar jekk il-ħatra tagħhom bħala uffiċjal kinitx ippreċeduta jew le minn interruzzjoni fl-affiljazzjoni tagħhom mal-IPIUE.

112 Bl-istess mod, fir-rigward tal-aspettattivi leġittimi tagħhom, il-membri tal-persunal li saru uffiċjali wara interruzzjoni fl-affiljazzjoni tagħhom mal-IPIUE u l-membri tal-persunal li saru uffiċjali mingħajr interruzzjoni fl-affiljazzjoni tagħhom f'din is-sistema jinsabu f'sitwazzjoni paragunabbli. Fil-fatt, peress li huma saru uffiċjali wara l-1 ta' Mejju 2004 jew wara l-1 ta' Jannar 2014, huma ma setgħux leġittimament jistennew li jiġu applikati fir-rigward tagħhom, immedjatament wara l-ħatra tagħhom, l-Artikolu 21 u l-Artikolu 22(1) tal-Anness XIII tar-Regolamenti tal-Persunal, meta dawn iż-żewġ artikoli jinkludu miżuri tranżitorji intiżi biss li jippreżervaw id-drittijiet miksuba u l-aspettattivi leġittimi li kienu jeżistu qabel id-dħul fis-seħħ tar-riforma tal-2004 jew ta' dik tal-2014.

113 Fi kwalunkwe każ, hekk kif diġà ġie espost fil-kuntest tal-eżami tal-ewwel motiv, in-natura kontinwa, jew le, tal-affiljazzjoni mal-IPIUE ma tikkostitwixxix l-uniku kriterju li jippermetti li jiġi ddeterminat min huma l-benefiċjarji tad-diversi dispożizzjonijiet tranżitorji li jinsabu fl-Anness XIII tar-Regolamenti tal-Persunal (ara l-punti 63 u 64 iktar 'il fuq).

114 L-identiċità fit-trattament ikkontestata mir-rikorrenti għalhekk ma tiksirx il-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament, peress li din tapplika għal kategoriji ta' persuni li jinsabu f'sitwazzjoni paragunabbli.

115 F'dawn iċ-ċirkustanzi, it-tieni parti tat-tieni motiv għandha tiġi miċħuda.

116 Għaldaqstant, it-tieni motiv u konsegwentement, ir-rikors fl-intier tiegħu, għandhom jiġu miċħuda.

Fuq l-ispejjeż

117 Skont l-Artikolu 134(1) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, il-parti li titlef il-kawża għandha tiġi kkundannata għall-ispejjeż, jekk dawn ikunu ntalbu. Peress li r-rikorrenti tilfet, hemm lok li hija tiġi kkundannat għall-ispejjeż, konformement mat-talbiet tal-Kummissjoni.

118 Barra minn hekk, skont l-Artikolu 138(1) tar-Regoli tal-Proċedura, l-istituzzjonijiet li jintervjenu fil-kawża għandhom ibatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom. Minn dan isegwi li l-Parlament u l-Kunsill għandhom ibatu, kull wieħed minnhom, l-ispejjeż rispettivi tagħhom.

Għal dawn il-motivi,

IL-QORTI ĠENERALI (Il-Ħames Awla)

taqta' u tiddeċiedi:

1) **Ir-rikors huwa miċħud.**

2) **CR għandha tbati l-ispejjeż tagħha stess kif ukoll dawk sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea.**

3) **Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea għandhom ibatu, kull wieħed minnhom, l-ispejjeż rispettivi tagħhom.**

Mogħtija f'qorti bil-miftuħ fil-Lussemburgu, fit-2 ta' Lulju 2025.

Firem